MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1243/2005

**M.I.M.S. Supplies Limited (C-25336)**

**Vs**

**Mark Briffa (ID 354471(M))**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija w erba' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm304.75c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni ma' prodotti debitament mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut, mis-socjeta' attrici, fuq ordni u inkarigu ta' l-istess konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija w erba' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm304.75c), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------